MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2005

Rikors Numru. 693/2003/1

**Konkors tal-kredituri ta' Emanuel u Marthese konjuġi Cutajar**

Dan il-provvediment huwa fuq rikors magħmul minn *HSBC Bank Malta p.l.c.*biex jinfetaħ il-konkors tal-kredituri ta' Emanuel u Marthese miżżewġin Cutajar fuq is-somma ta' erbatax-il elf u ħames mitt lira (Lm14,500) iddepożitati minn Josienne Bonello u Antoine Cassar b'ċedola tat-28 t'Ottubru 2002 bħala l-prezz ta' immobbli li kien tal-miżżewġin Cutajar iżda li nbigħ *sub hasta* fuq talba tal-kredituri tagħhom u li nxtara mill-imsemmija Bonello u Cassar.
Fuq il-flus depożitati ikkonkorrew tliet kredituri:

- is-soċjetà *Peter Plant Limited* dwar kreditu ta' sitt elef, erba' mija u tlieta u erbgħin lira u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (Lm6,443.75) li qiegħda titlob il-kanonizzazzjoni tiegħu fil-kawża fl-ismijiet *Peter Plant Limited versus* Emmanuel Cutajar (ċitazzjoni numru 1016/2001), li għadha qiegħda tinstema';

- is-soċjetà *APS Bank Limited* dwar kreditu li huwa akbar mis-somma depożitata u li huwa kanonizzat b'atti pubbliċi ta' għarfien ta' dejn u li huwa wkoll imħares b'ipoteki; u
- is-soċjetà *HSBC Bank Malta p.l.c.* dwar kreditu ta' ħamest elef, disa' mija u tnax-il lira u wieħed u sebgħin ċenteżmu (Lm5,912.71), li wkoll huwa kanonizzat b'att pubbliku ta' għarfien ta' dejn u li huwa wkoll imħares b'ipoteki.

Billi l-krediti ta' *APS Bank Limited* u *HSBC Bank Malta p.l.c.* huma t-tnejn kanonizzati u mħarsa b'ipoteki, dawn iż-żewġ kredituri jiggradwaw qabel *Peter Plant Limited* illi l-kreditu tagħha la huwa kanonizzat u lanqas għandu kawża ta' preferenza. Iż-żewġ krediti pregradwati huma flimkien aktar mis-somma depożitata.

Iż-żewġ kredituri illi l-kreditu tagħhom għandu preferenza u d-debituri miżżewġin Cutajar kienu ftiehmu, b'kuntratt tat-28 t'Ottubru 2002 fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion[1], illi s-somma depożitata ta' erbatax-il elf u ħames mitt lira (Lm14,500) tinqasam hekk bejn il-kredituri: *APS Bank Limited* tieħu disat elef, erba' mija u tmienja u erbgħin lira u tlittax-il ċenteżmu (Lm9,448.13) u *HSBC Bank Malta p.l.c.* tieħu ħamest elef u wieħed u ħamsin lira u sebgħa u tmenin ċenteżmu (Lm5,051.87)[2].

Billi ż-żewġ kredituri pregradwati ftiehmu bejniethom kif jaqsmu l-flus, l-iżbank għandu jsir favur iż-żewġ kredituri pregradwati flimkien.

Fiċ-ċedola ta' depożitu, iżda, id-depożitanti Bonello u Cutajar għamlu l-kondizzjoni illi s-somma depożitata tingħata lil min għandu jedd għaliha "wara li l-iżbankant joffri l-garanzija ipotekarja ta' ħwejġu kollha preżenti u futuri u dana sabiex tagħmel tajjeb għall-eventwali ri-depożitu f'każ ta' evizzjoni jew molestja rigward il-paċifiku pussess tal-fond lilhom liberat".

Il-garanzija tal-pussess paċifiku tal-ħaġa mibjugħa jingħata lix-xerrej mill-bejjiegħ, mhux mill-kreditur li jkun talab li l-ħaġa tinbigħ *sub hasta*. Għalhekk il-garanzija ma għandhiex tingħata miż-żewġ kredituri li għandhom jedd

[1] *Foll.* 48 *et seqq.*
[2] *Foll.* 51 *et seq.*

għall-flus, u l-kondizzjoni magħmula fiċ-ċedola għandha titqies bħallikieku ma saritx.
Il-qorti għalhekk tagħti lil *APS Bank Limited* u lil *HSBC Bank Malta p.l.c.* flimkien is-setgħa li jiġbdu l-flus depożitati biċ-ċedola tat-28 t'Ottubru 2002.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------